

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2006/2240(INI)

2.3.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-ippromowtjar ta' xogħol deċenti għal kulħadd
(2006/2133(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Feleknas Uca

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu s-suġġerimenti li ġejjin:

- wara li kkunsidra l-Artikolu 50 tal-Ftehma ta' Sħubija bejn il-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (ACP), min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar xogħol deċenti għal kulħadd adottati fl-1 ta' Diċembru 2006 fl-2767 laqgħa tal-Kunsill għall-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumaturi fi Brussell,
 - wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri fl-laqgħa fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: Il-Konsensus Ewropew ('il-Konsensus Ewropew għall-Iżvilupp') iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2005,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' ffinanzjar għal koperazzjoni ta' żvilupp,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' ffinanzjar għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha,
1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 50 tal-Ftehma ta' Sħubija bejn l-ACP-KE, li fih il-partijiet stabbilew, inkluż fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, li jirrispettaw l-istandards tax-xogħol fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw lill-pajjiżi ta' l-ACP biex jifformolaw u jinfurzew leġiżlazzjoni dwar is-suġġett u biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni;
 2. Jilqa' l-introduzzjoni mill-Kummissjoni tal-programm tematiku ġdid 'Investiment fiċ-Ċittadini (2007-2013)' fil-kontest tal-'Konsensus Ewropew' (ta' l-UE dwar il-politika għall-Iżvilupp) u l-importanza li dan il-programm jiddedika lill-implimentazzjoni ta' l-aġenda ta' xogħol deċenti tal-pajjiżi msieħba ta' l-UE; jilqa' r-rikonoxximent tal-programm tal-ħolqa ċara bejn xogħol deċenti u protezzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tiddedika ffinanzjar meħtieġ għall-protezzjoni ta' xogħol deċenti fi ħdan il-programm tematiku Investiment fiċ-Ċittadini;
 3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni inkludiet standards fundamentali tax-xogħol u l-promozzjoni ta' responsabilità soċjali korporattiva fi ħdan l-iskop ta' l-istrument ta' ffinanzjar tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jistieden lill-Kummissjoni biex tiddedika attenzjoni xierqa għal dawn il-punti fl-ipprogrammar u l-għoti ta' approprijazzjonijiet operattivi skond dan l-istrument;
 4. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Mejju 2006 u d-deċiżjonijiet meħudin

mill-2767 Kunsill għall-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur;

5. Jenfasizza l-importanza ta' l-appoġġ ta' l-integrazzjoni ta' l-impjieġ u x-xogħol deċenti fl-istrategġija ta' żvilupp; jistieden għall-inklużjoni ta' analiżi aktar dettaljata ta' l-impjieġ u ta' aspetti oħrajn ta' xogħol deċenti fid-Dokumenti ta' Strategġija għat-Tnaqqis tal-Faqar (PRSPs), Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs), Dokumenti ta' Strategġija għall-Pajjiżi (CSPs) u Programmi Indikattivi Plurijennali (MIPs); f'dan il-kuntest, jimmarka l-importanza tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet kollha li għandhom sehem, inklużi persuni li jħaddmu organizzati, sindakati u ħaddiema kif ukoll is-settur privat u s-soċjetà ċivili fl-aktar sens wiesa';
6. Jistieden lill-ministeri tax-xogħol, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u organizzazzjonijiet tal-ħaddiema biex jissaħħu u jkunu integrati aktar b'mod sistematiku fil-proċess ta' parteċipazzjoni li jenfasizza t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' PRSPs, CSPs u MIPs; jemmen li, għal dan l-iskop, trid tittejjeb il-koperazzjoni tagħhom ma' ministri ta' l-ekonomija u tal-finanzi kif ukoll ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi internazzjonali rispettivi bħall-Istituzzjonijiet ta' Bretton Woods, il-Bank Ewropew għall-Investment (EIB) u l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO); jistieden lill-partijiet kollha biex jiżguraw li s-CSPs jitfasslu b'mod partiċipattiv xieraq; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinvesti aktar fil-bini tal-kapaċità teknika u istituzzjonali u biex tiffaċilita miżuri biex tistabilixxi xogħol deċenti f'dokumenti ta' strategġija tal-pajjiżi;
7. Jenfasizza b'mod partikulari l-ħtieġa ta' Programmi tal-Pajjiżi għal Xogħol Deċenti mmexxija mill-pajjiżi, jew ta' pjan direzzjonali simili, żviluppanti bil-partiċipazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali u ta' partijiet li għandhom sehem rilevanti oħrajn, immirati biex jiksbu xogħol deċenti għal kulħadd permezz tal-koperazzjoni għall-iżvilupp - inkluż djalogu politiku dwar l-impatti fuq l-impjieġi ta' politiki ta' l-ekonomija u tat-tmexxija, ta' miżuri ta' appoġġ baġitarju u ta' bini tal-kapaċità, b'mod partikulari bini tal-kapaċità istituzzjonali - li huma kkoordinati b'mod xieraq u armonizzati bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u msieħba fl-iżvilupp internazzjonali u parteċipanti rilevanti oħrajn, anke l-Organizzazzjoni Internazzjonali għax-Xogħol (ILO) u aġenziji tan-NU oħrajn kif ukoll istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali;
8. Jenfasizza li x-xogħol fost it-tfal huwa wieħed mill-kawżi prinċipali ta' faqar fil-ġenerazzjonijiet tal-futur u li x-xogħol ta' tfal u dak sfurzat jiffurmaw ksur tad-drittijiet fundamentali;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw u jippromowtjaw inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar opportunitajiet ugwali u li ma jiddiskriminawx fi skemi ta' taħriġ vokazzjonali u fil-post tax-xogħol, inkluż appoġġ għal adattamenti/akkomodazzjoni fil-post tax-xogħol għal persuni b'diżabilitajiet;
10. Jistieden mill-ġdid għal sforz biex jissielet il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi tax-xogħol u biex l-attivitajiet tal-kumpaniji multinazzjonali jkunu monitorjati, bil-possibilità li dawk li jkunu joperaw f'pajjiżi qed jiżviluppaw ikunu esklużi minn akkwisti pubbliċi ffinanzjati jew appoġġjati mill-UE u l-Istati Membri tagħha kif ukoll mill-garanziji ta' kreditu ta' esportazzjoni mogħtija mill-EIB u minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn fil-każ ta' ksur ta' dawn id-drittijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex

jiformulaw bħala obligatorju r-rispett għal standards prinċipali tax-xogħol fil-qafas ta' l-akkwist pubbliku ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u appoġġ Komunitarju u bilaterali ieħor;

11. Jenfasizza li l-Artikolu 12(2)(d)(ii) tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp jistieden għall-promozzjoni ta' l-aġenda ta' 'xogħol deċenti għal kulħadd' bħala objettiv universali, li jrid jinkiseb, inter alia, permezz ta' inizjattivi globali oħrajn u mifruxin f'pajjiżi differenti biex ikunu implimentati standards tax-xogħol prinċipali ta' l-ILO li sar qbil dwarhom b'mod internazzjonali, analiżi ta' l-impatt tal-kummerċ fuq xogħol deċenti u mekkaniżmi sostnuti u xierqa għall-iffinanzjar ġust u l-iffunzjonar effettiv - u kopertura aktar wiesgħa - ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali; jenfasizza li, anke fl-Artikolu 5(2)(c) ta' l-istess Regolament, xogħol deċenti jissemma' bħala qasam ta' ffukar; jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod attiv tuża dawn id-dispożizzjonijiet fil-politika ta' żvilupp tagħha; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tirraporta b'mod sistematiku dwar l-isforzi tagħha biex tippromwovi xogħol deċenti fir-rapport annwali tagħha dwar il-politika ta' żvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-assistenza esterna;
12. Jenfasizza li l-possibilità li jinkisbu l-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u t-tiżni tal-kunċett ta' xogħol deċenti permezz ta' għajjnuna ta' żvilupp sostenibbli teħtieġ politika ta' taxa innovattiva u ġusta, eż. taxxi fuq tranżazzjonijiet finanzjarji u fuq il-valuta;
13. Jenfasizza li xogħol deċenti huwa suġġett multidixxiplinari li għandu impatt fuq l-aspetti kollha tal-politika barranija; għalhekk, iqis li l-appoġġ għal xogħol deċenti jrid ikun inkoraġġut permezz ta' strumenti ta' ffinanzjar tal-politika barranija;
14. Jistieden biex il-programmi kollha tal-Kummissjoni fl-oqsma tal-koperazzjoni ta' żvilupp u tal-politika tal-kummerċ, iwettqu dispożizzjoni finanzjarja għal miżuri biex irawwu xogħol deċenti;
15. Jemmen li ftehimiet tal-kummerċ iridu jkunu xprun tal-promozzjoni ta' xogħol deċenti; għalhekk jenfasizza li l-UE għandha tinkludi fil-mandati ta' negozjar tagħha għal ftehimiet bilaterali u għal ta' kummerċ oħrajn, il-prinċipji u l-objettivi ta' xogħol deċenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis, meta tagħti preferenzi ta' kummerċ, il-konformità mal-pajjiżi benefiċjarji ma' standards tax-xogħol prinċipali internazzjonali, biex pajjiżi li ma jilhqax dawn l-istandards bażiċi ma jibbenefikawx mill-preferenzi tal-kummerċ ta' l-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem b'mod attiv ma' l-ILO biex tiżgura li t-termini tal-ftehimiet ikunu osservati b'mod sħiħ, u, fejn meħtieġ, tuża l-poteri fid-dispożizzjoni tagħha biex tikkanċella preferenzi ma' kwalunkwe pajjiż li jfalli milli jirrispetta d-drittijiet soċjali fundamentali, id-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem;
16. Jistieden għall-inklużjoni tal-prinċipju tax-xogħol deċenti fl-azzjonijiet Komunitarji kollha; ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza kruċjali ta' koerenza u koordinazzjoni politika soċjo/ekonomika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, li, fil-każ ta' dan ta' l-aħħar, għandha tinkludi l-involviment ta' l-ILO f'dan il-proċess;
17. Jenfasizza l-hteġa għall-kunċett ta' xogħol deċenti biex ikun stabbilit fil-prattika mill-protagonisti lokali kollha fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'enfasi partikulari fuq żoni rurali

- u s-settur informali; jenfasizza l-importanza ta' l-NGOs fil-promozzjoni u l-appoġġ ta' dan il-proċess; jenfasizza l-ħtieġa urġenti biex tittieħed azzjoni effettiva, anke permezz ta' għajnuna mill-UE fil-pajjiżi msieħba, għal promozzjoni ta' xogħol deċenti fl-ekonomija informali, bil-ksieb ta' l-integrazzjoni gradwali ta' l-ekonomija informali fl-ekonomija formali;
18. Jenfasizza l-ħtieġa biex għal apopġġ tal-prattiki eżistenti li jggarantixxu kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħal dawk tal-moviment internazzjonali tal-Kummerċ Ġust;
 19. Jinnota li r-rispett għal konvenzjonijiet fundamentali ta' l-ILO biss kienu inklużi bħala indikatur ta' tmexxija xierqa li fuq il-bażi ta' tagħhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jkunu eliġibbli għal ifffinanzjar addizzjonali; iqis li l-investiment f'xogħol deċenti huwa sinjal ta' tmexxija xierqa wkoll; għalhekk jenfasizza, li, b'addizzjoni għall-konvenzjonijiet fundamentali ta' l-ILO, xogħol deċenti għandu jkun inkluż bħala indikatur ta' tmexxija xierqa;
 20. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun stabbilit netwerk globali bbażat fuq id-domanda ta' qsim ta' tagħrif dwar xogħol deċenti u żvilupp lokali bbażat b'mod primarju fuq riċerka nazzjonali, bini ta' istituzzjoni u kapaċità;
 21. Jipproponi li l-UE titlob status ta' osservatriċi għall-ILO fi ħdan id-WTO u t-twaqqif ta' kumitat għal kummerċ u x-xogħol deċenti fit-termini tal-kumitat għall-kummerċ u l-ambjent;
 22. Ifakkar lill-Istati Membri tal-Konvenzjoni C100 ta' l-ILO rigward ir-Rinumerazzjoni Ugwali għal Ħaddiema Irġiel u Nisa għal Xogħol ta' Valur Ugwali, li tistieden lill-gvernijiet u lill-imsieħba soċjali biex jibnu strutturi soċjali u ekonomiċi ġodda biex isaħħu l-irwol tan-nisa fl-ekonomija u fis-suq tax-xogħol; jemmen li teżisti ħtieġa kemm biex jittieħdu miżuri speċifiċi favur in-nisa u għal introduzzjoni ta' l-integrazzjoni tas-sessi fil-politiki, programmi u proġetti kollha, biex tegħleb ostakoli li jevitaw li n-nisa jsibu xogħol deċenti;
 23. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, bħala entitajiet li jħaddmu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex iqisu l-prinċipju ta' xogħol deċenti, b'mod partikulari billi jżidu l-pagi bi qbil mar-Rakkomandazzjoni 135 ta' l-ILO rigward l-Iffisar tal-Paga Minima, b'Referenza Speċjali għal Pajjiżi li qed Jiżviluppaw.

PROĊEDURA

Titolu	Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd
Numru tal-proċedura	2006/2240(INI)
Kumitat responsabbli	EMPL
Kumitat mitlub jagħti opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 28.9.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Feleknas Uca 6.11.2006
Rapporteur preċedenti	
Eżami fil-kumitat	27.2.2007
Data ta' l-adozzjoni	27.2.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Josep Borrell Fontelles, Danutè Budreikaitė, Corina Crețu, Alexandra Dobolyi, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, José Javier Pomés Ruiz, Miguel Portas, Horst Posdorf, Pierre Schapira, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Luis Yañez-Barnuevo García, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ana Maria Gomes, Jan Jerzy Kułakowski, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Tobias Pflüger, Anne Van Lancker, Åsa Westlund, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...